MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2009

Numru 1098/2008

PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY PORTELLI
SPETTUR STEPHEN MALLIA
VS
AARON STEVEN STEWART EDWARD RITCHIE

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Aaron Steven Stewart Edward Ritchie, ta’ 24 sena, iben Edgar u Janet nee’ Rayner, imwieled l-Ingilterra nhar is-17 ta’ Frar, 1984, residenti no. 176, ‘Tropicana, Triq Bormla, Paola, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 77000L(M)

Illi huwa akkuzat talli:

Nhar it-2 ta’ Novembru 2008 gewwa Swieqi f’xi hin qabel is-1:30 ta’ filghodu, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti mill-fond bl-isem ‘Villa White Clouds’, li tinsab fi Triq il-Barmil, Swieqi ghad-dannu ta’ Alex N. Tsvetkov u/jew

persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur li jeccedi 232.94 euro izda li ma jeccedix 2,329.37 euro;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe hsara fit-tieqa ta' l-imsemmi fond, liema hsara teccedi 11.65 euro izda ma teccediex 116.47 euro, u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmi Alex N. Tsetkov u/jew persuni ohra;

U aktar talli kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. datata 27 ta' Jannar 2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Fl-ahhanett akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula jew imhassra,

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja:

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Aaron Ritchie, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 289, 263, 264, 267, 270, 279, 280, 325 tal-Kap.9

tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 7 u 23 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat, Aaron Ritchie, ghal tmintax-il xhar prigunerija, li minnu jrid jitnaqqas iz-zmien li l-imputat ghamel f’arrest preventiv.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, ghal fini ta’ piena, l-eta’ ta’ l-imputat u d-diversi opportunitajiet mghotija mill-Qorti tal-Gustizzja lill-imputat sabiex jirrijabilita’ ruhu. Dawn l-opportunitajiet sfaw fix-xejn. Illi l-Qorti taghraf illi l-imputat ghandu problema serja ta’ dipendenza ta’ drogi u sustanzi illecti u li l-imputat, minn rajh, ma ghandux rieda soda bizzejjed biex jgheleb din id-dipendenza u jiffinalizza t-treatement kollu fil-programm residenzjali, dana wkoll minhabba l-ezistenza ta’ problemi psikologici ta’ l-imputat illi dwarhom xhedu l-psikjatri Dr. Joseph Spiteri u Dr. Anton Grech.

Illi ghaldaqstant u b’responsabilta’ kbira, l-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, illi l-imputat isegwi program ta’ rijabilitazzjoni kontra d-drogi fi hdan l-istess Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u fi istituzzjonijiet ohra addetti ma’ l-istess facilita’.

In oltre’, il-Qorti tordna illi, simultanjament, l-imputat jibqa’ jinghata t-terapija mehtiega minn psikjatri addetti mal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin.

Illi ghal dan il-ghan il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin u lid-Direttur ta’ l-Isptar Monte Carmeli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------